## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **470/2022**

## JOSEPHINE SIVE JOYCE PARNIS (KI 697062M)

**VS**

## 1.) MICHAEL BEZZINA (KI 335764M) U
## 2.) NICHOLAS BEZZINA (KI 6867M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, hdax (11) ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar talba rikonvenzjonali tal-intimati rikonvenzjonanti sabiex jiġi dikjarat u deċiż illi Carmela (magħrufa wkoll bħala Carmen) Tonna ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, u konsegwentement jiġi dikjarat u deċiż illi l-istess testment huwa null u bla effett ġuridiku. Din it-talba rikonvenzjonali tressqet in segwitu ta' talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex tiġi ordnata d-diviżjoni, jew awtorizzat il-bejgħ b'liċitazzjoni: (a) tal-fond numru 3, Sqaq numru 5, Triq il-Parroċċa, Mqabba; (b) tal-fond numru 2, Sqaq

numru 3, Triq il-Parroċċa, Mqabba; u (b) tal-għalqa li ma taqax f'żona ta' żvilupp tal-kejl superfiċjali ta' cirka elf, disa' mija u għoxrin (1920) metri kwadri, aċċessibbli minn Triq is-Siġġiewi / Triq tas-Sejba, Mqabba.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tlieta (3) ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti **<u>Josephine sive Joyce Parnis</u>** ippremettiet:

   a) *Illi l-kontendenti lkoll aħwa Bezzina, ulied Joseph Bezzina u Filomena nee' Tonna, huma komproprjetarji f'ishma diversi tas-segwenti proprjetà immobbli:*

      i. *Tal-fond numru 3, Sqaq numru 5, Triq il-Parroċċa, Mqabba, ndikat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. P1';*

      ii. *Tal-fond numru 2, Sqaq numru 3, Triq il-Parroċċa, Mqabba liema fond huwa mniffed u jifforma parti mal-fond bin-numru 77, Sqaq numru 3, Triq il-Parroċċa, Mqabba, ndikat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. P2';*

      iii. *Tal-għalqa li ma taqax f'żona ta' żvilupp tal-kejl superfiċjali ta' ċirka elf disa' mija u għoxrin (1920) metri kwadri, aċċessibbli minn Triq is-Siġġiewi/Triq tas-Sejba, Mqabba konfinanti mill-Grigal mall-imsemmija Triq, mill-Punent ma' beni ta' Salvu Facciol jew is-successuri fit-titolu u mil-Lvant ma' beni ta' Zaren Ghigo jew is-suċċessuri fit-titolu tiegħu, ndikat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. P3';*

   b) *Illi s-sehem tar-rikorrenti mill-imsemmija proprjetà huwa dak ta' erbgħa ishma minn disgħa (4/9). Illi s-sehem tal-intimat Michael Bezzina huwa ukoll dak ta' erbgħa ishma minn disgħa (4/9), filwaqt li s-sehem tal-*

*intimat l-ieħor Nicholas Bezzina minn din il-proprjetà hu ta' sehem wieħed minn disgħa (1/9);*

c) *Illi s-sehem tar-rikorrenti minn din il-proprjetà idderiva in kwantu għal tlett ishma minn disgħa permezz ta' dispożizzjoni testamentarja mingħand Carmela Tonna ossia z-zija tagħha (oħt omma) bis-saħħa ta' testment datat it-13 ta' Marzu 2008, magħmul in atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A' flimkien mad-dikjarazzjoni causa mortis relattiva magħmula mir-rikorrenti nhar id-29 ta' Settembru 2021 in atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B'. Illi in kwantu għar-rimanenti sehem ta' wieħed minn disgħa tar-rikorrenti, dan idderiva tramite is-sehem spettanti lil ommha Filomena Bezzina mill-eredita' ta' Paolo Tonna u Anna Tonna nee' Magri li jiġu l-ġenituri ta' Filomena Bezzina u cioe in-nanniet materni tar-rikorrenti, vide d-dikjarazzjoni causa mortis hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. Ċ';*

d) *Illi s-sehem tal-intimat Michael Bezzina minn din il-proprjetà idderiva in kwatu għal tlett ishma minn disgħa permezz ta' dispożizzjoni testamentarja mingħand Anthony Tonna ossia z-zijuh bis-saħħa ta' testment datat it-18 ta' Ġunju 2009, magħmul in atti tan-Nutar Dr. Fiona Galea Farrugia kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D'. Illi in kwantu għar-rimanenti sehem tiegħu ta' wieħed minn disgħa mil-imsemmija proprjetà, dan idderiva tramite is-sehem spettanti lil ommu Filomena Bezzina mill-eredita' ta' Paolo Tonna u Anna Tonna nee' Magri ossia n-nanniet materni tiegħu;*

e) *Illi in kwantu s-sehem ta' wieħed minn disgħa tal-intimat l-ieħor Nicholas Bezzina minn din il-proprjetà, dan ipprevjena lilu tramite is-sehem spettanti lil ommu Filomena Bezzina mill-eredita' ta' Paolo Tonna u Anna Tonna nee' Magri ossia n-nanniet materni tiegħu;*

f) *Illi jiġi ukoll osservat illi l-kontendenti kellhom ħuhom ieħor ossia Paul Bezzina li miet intestat nhar id-9 ta' Jannar 2008 u peress li dejjem baqa' ġuvni u ma kellux tfal is-sehem tiegħu mill-imsemmija proprjetà għadda ugwalment fuq ħutu l-kontendenti;*

g) *Illi r-rikorrenti ma tixtieqx li tibqa' fi stat ta' komunjoni fir-rigward ta' tali proprjetà u interpellat diversi drabi lill-intimati sabiex isir pjan ta' diviżjoni u wissiethom li fin-nuqqas bi ħsiebha tipproċedi bl-azzjoni odjerna, vide inter alia l-Ittra Uffiċjali numru 4878/2021 kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E';*

h) *Illi minkejja d-diversi tentattivi tar-rikorrenti, l-intimati baqgħu ma resqux għall-qasma tal-proprjetà immobbli miżmuma in komun u għalhekk l-esponenti kienet kostretta tirrikorri għall-azzjoni odjerna;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kontendenti huma komproprjetari tal-proprjetà immobbli sureferita fl-ewwel premessa, u dan fis-sehem ta' erbgħa minn disgħa (4/9) appartenenti lir-rikorrenti, fis-sehem ta' erbgħa minn disgħa (4/9) appartenenti lil intimat Michael Bezzina u fis-sehem ta' wieħed minn disgħa (1/9) appartenenti lil intimat l-ieħor Nicholas Bezzina;*

ii. *Tordna l-qasma tal-istess proprjetà immobbli bejn il-kontendenti skond is-sehem spettanti lilhom, prevja li jiġi redatt pjan ta' diviżjoni occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

iii. *Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni tal-proprjetà immobbli fuq imsemmija;*

iv. *Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-opportun att ta' diviżjoni, tappunta data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess att u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' diviżjoni;*

*v. Kemm-il darba jinstab li tali proprjetà immobbli miżmuma in komunjoni ma hijiex komodament diviżibbli, tordna li l-imsemmija proprjetà tiġi mibjugħa in licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti spettanti lilhom kif stabbilit hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati nkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 4878/2021, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tnax (12) t'Ottubru 2022, l-intimati **<u>Michael Bezzina et</u>** eċċepew:

   *a. Illi fost l-oggetti li jridu jinqasmu hemm il-proprjeta provenjenti mill-wirt tal-mejta Carmela Tonna, li mietet fit-2 ta' Ottubru 2017, kienet pupletika u sofriet minn fresh infarct in the left periventricular region, b'sinjali ta' internal hydrocephalous, u dan qabel il-5 ta' Jannar 2008, b'tali mod li hija ma kinitx f'posizzjoni biex tiddisponi minn hwejjigha wara dan l-attakk ta' puplesija qawwi, peress li ma setghetx tikkomunika b'mod kostruttiv, la bil-kliem u lanqas bil-gesti, u ftit li xejn kienu johorgu minn fommha kliem meta wiehed ikellimha, tant li ma kinitx tirreagixxi u l-espressjoni fuq wiccha kienet ta' tbissima cassa, u konsegwentement ma kinitx f'sessiha fl-epoka li sar it-testment fejn halliet gidha lil Josephine sive Joyce Parnis, bit-testment taghha tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, biex b'hekk b'kontro-talba qed jitolbu li t-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tal-mejta Carmela Tonna, jigi dikjarat null*

*u bla effett fil-Ligi stante l-inkapacita taghha, u dan ai termini tal-Artikolu 597 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta et seq.*

b. *Illi ghalhekk qabel ma tigi deciza il-kontro-talba fuq msemmija, s-sehemijiet indivizi tar-rikorrenti ma jistghux jigu konstatati, ghax dan it-tali sehem fil-proprjetajiet hawn fuq msemmija jiddependi mid-dikjarazzjoni ta' nullita tat-testment ta' Carmela Tonna ossia tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process, u ghalhekk din il-Qorti ghandha qabel ma din il-vertenza tigi finalment deciza, ma tordnax id-divizjoni u/jew il-bejgh in subbasta tal-proprjeta komuni tal-kontendenti, stante li l-oggetti hemm msemmija la jistghu jinqasmu u lanqas jinbieghu qabel ma din il-Qorti finalment tiddikajra jekk il-fuq imsemmi testment huwiex validu skond il-Ligi.*

c. *Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.*

6. Permezz ta' talba rikonvenzjonali ppreżentata kontestwalment mar-risposta ġuramentata nhar it-tnax (12) t'Ottubru 2022, l-intimati rikonvenzjonanti **Michael Bezzina et** ippremettew:

a. *Illi l-kontendenti huma wlied Joseph Bezzina u Filomena nee Tonna.*

b. *Illi Carmela Tonna hija oht xebba tal-mejta ommhom Filomena Tonna, u mietet fit-2 ta' Ottubru 2017.*

c. *Illi l-wirt ta' Carmela Tonna ddevolva permezz tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dok. A fil-process, pero hija kellha testment iehor tat-23 ta' Jannar 2007 hawn anness u mmarkat bhala Dokument ED1.*

d. *Illi l-attrici rikonvenzjonata tippretendi illi l-wirt ta' Carmela Tonna iddevolva fuqha permezz tat-testment taghha tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono, meta l-imsemmija Carmela Tonna kienet apupletika u sofriet minn fresh infarct in the left periventricular region*

*b'sinjal ta' internal hydrocephalus, u dan qabel il-5 ta' Jannar 2008, b'tali mod illi hija ma kinitx f'posizzjoni biex tiddisponi minn hwejjigha wara dan l-attakk ta' puplesija qawwi peress li ma setghetx tikkomunika b'mod effettiv la bil-kliem u lanqas bil-gesti, u ftit li xejn kienu johorgu minn f'ommha kliem meta wiehed jkellimha, tant li ma kinitx tirreagixxi u l-espressjoni fuq wiccha kienet ta' tbissima cassa, u konsegwentement ma kintix f'sessiha fl-epoka li sar it-testment, biex b'hekk it-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi stante l-inkapacita tad-defunta, u prova ta' dan huwa ic-certifikat qed jigi hawn anness bhala Dokument ED2.*

e. *Illi Carmela Tonna meta għamlet l-aħħar testment tagħha, ossia tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process, ma kienitx kapaċi u ma kienitx tinstab fil-pjeni poteri mentali tagħha skond il-Liġi li tagħmel dan it-testment stante illi hija kienet dementi u kienet affettata b'marda ossia stroke qawwi u kienet dementi, kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, mhux biss mic-certifikat Dokument ED2 imma mit-tobba tal-isptar u x-xhieda tal-vicini kollha.*

f. *Illi hija ma kienitx la tagħraf lin-neputijiet taghha u lanqas tista' tikkomunika magħhom b'mod kostruttiv u ċioe' lanqas bil-kliem u lanqas bil-ġesti.*

g. *Il-kliem ftit li xejn kienu joħorġu minn fommha u meta wieħed kien ikellimha, ma kienitx tirreagixxi u l-espressjoni fuq wiċċha kienet ta' tbissima ċassa.*

h. *Illi għalhekk meta għamlet l-aħħar testment taghha tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process, hija ma kienitx kapaċi peress illi hija ma kienitx f'sensieha fll-epoka li sar it-testment u konsegwentement it-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-*

*atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process, huwa null u bla effett fil-Liġi, stante l-inkapaċita tagħha.*

i. *Illi l-istat abittwali tat-testattriċi Carmela Tonna, fl-epoka qabel it-testment, ta' t-testment u anki wara t-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process, sal-mewt tagħha, kien illi t-testattriċi kellha stroke qawwa li kompla jaggrava sa mewtha u halliha inabilitata fil-5 ta' Jannar 2008 sa mewtha.*

j. *Illi għalhekk dan it-testment huwa null u bla effett ġuridiku għax hija kienet affettata minn stroke qawwi meta għamlitu jew subordinatament kienet ta' moħħ u ta' volonta tant debboli li kienet strument f'idejn ħaddieħor u għalhekk dan it-testment m'huwiex validu skond il-Liġi, partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. L-intimati rikonvenzjonanti għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi Carmela Tonna ma kienitx kapaċi biex tagħmel it-testment tat-13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, Dokument A fil-process.*

ii. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi dan it-testment hawn fuq riferit huwa null u bla effett ġuridiku stante illi Carmela Tonna kienet marida b'moħħha b'konsegwenza ta' stroke qawwi meta għamlitu u/jew subordinatament kienet ta' moħħ u ta' volonta tant debboli illi kienet strument f'idejn ħaddieħor u għalhekk dan it-testment m'huwiex validu skond il-Liġi u partikolarment skond l-Artikolu 597 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2022 u bl-inġunzjoni ta' l-intimata rikonvenzjonata għas-subizzjoni.*

8. B'risposta ġuramentata għat-talba rikonvenzjonali datata disgħa (9) ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti rikonvenzjonata **Josephine sive Joyce Parnis** eċċepiet:

   a. *Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom stante illi d-defunta Carmela Tonna ma kienet affettata minn l-ebda impediment legali fil-mument illi ġie redatt it-testment in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat it-13 ta' Marzu 2008, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

   b. *Illi t-testment tad-defunta Carmela Tonna in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat it-13 ta' Marzu 2008 huwa wieħed validu u skond il-liġi u jirregola l-wirt tat-testatriċi skond il-volonta` tagħha u skond il-liġi;*

   c. *Illi huwa kompletament inveritier illi d-defunta Carmela Tonna fil-mument illi sar it-testment de quo hi kienet ta' moħħ u ta' volontà tant debboli li kienet strument f'idejn ħaddieħor;*

   d. *Illi fil-mument illi sar it-testment de quo, t-testatriċi Carmela Tonna kellha il-kapaċità piena li tifhem u l-volonta` li tesprimi r-rieda tagħha u tiddisponi minn ġidha liberament kif fil-fatt għamlet permezz ta' dan it-testment. Illi għalhekk hi kienet perfettament compos mentis u kapaċi tiddisponi.*

   e. *Għaldaqstant, it-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż kontrihom;*

   f. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati rikonvenzjonanti.*

9. Waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet għall-inverżjoni tal-provi sabiex tinstema' l-kontro-talba u l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuti rikonvenzjonanti, qabel tgħaddi sabiex tiddetermina t-talba prinċipali. Infatti, waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2024, il-kawża ġiet differita għal sentenza dwar it-talba rikonvenzjonali.

**Il-Qorti**

10. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Josephine sive Joyce Parnis datat tlieta (3) ta' Ġunju 2022, u d-dokumenti annessi miegħu;

11. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti permezz ta' nota datata ħamsa (5) ta' Settembru 2022, immarkati **Dok N1 sa N4** a fol 26 *et seq* tal-proċess;

12. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Michael Bezzina et datata tnax (12) t'Ottubru 2022;

13. Reġgħet rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti rikonvenzjonanti Michael Bezzina et datata tnax (12) t'Ottubru 2022, u d-dokumenti annessi magħha;

14. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata għat-talba rikonvenzjonali tar-rikorrenti rikonvenzjonata Josephine sive Joyce Parnis datata disgħa (9) ta' Novembru 2022;

15. Rat id-digriet mogħti waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, illi permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet għall-inverżjoni tal-provi dwar it-talba rikonvenzjonali u l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuti;

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Victor Camilleri**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2023[1];

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 67 *et seq* tal-proċess

17. Rat id-dokument esebit mill-konvenuti rikonvenzjonanti mmarkat **Dok DB 1** a fol 78 tal-proċess;

18. Rat l-affidavit ta' **Michael Bezzina** a fol 86 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Doris Vella Cassia**, prodotta mill-konvenuti rikonvenzjonanti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023[2], u rat il-kopja tal-file mediku minnha esebit u mmarkat **Dok DVC1** a fol 92 *et seq* tal-proċess;

20. Rat l-affidavit ta' **Nicholas Bezzina**, a fol 214-215 tal-proċess;

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Konrad Bezzina**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'April 2023[3];

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Raymond Mifsud**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023[4];

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Prof Kevin Cassar**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2023[5];

24. Rat l-affidavit tar-rikorrenti rikonvenzjonata **Josephine sive Joyce Parnis**, immarkat **Dok JP1** a fol 268-269 tal-proċess;

25. Rat l-affidavit ta' **Travis Parnis**, immarkat **Dok TP1** a fol 270 tal-proċess;

26. Rat l-affidavit ta' **Pauline Vassallo**, immarkat **Dok PV1** a fol 271 tal-proċess;

---

[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 90-91 tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 216 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tinsab a fol 231 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tinsab a fol 244 *et seq* tal-proċess

27. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Joseph Debono**, prodott mill-attriċi rikonvenzjonata waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2024[6], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok JD1 sa JD3**, a fol 279 *et seq* tal-proċess;

28. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Nicholas Bezzina**, prodott mir-rikorrenti rikonvenzjonata in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024[7];

29. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Michael Bezzina**, prodott mir-rikorrenti rikonvenzjonata in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024[8];

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Conrad Bezzina**, prodott mir-rikorrenti rikonvenzjonata in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024[9];

31. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Josephine sive Joyce Parnis**, prodotta mill-konvenuti rikonvenzjonanti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) t'Ottubru 2024[10];

32. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Dr Joseph Debono**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti in kontro-eżami waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2024[11];

33. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Travis Parnis**, prodott mill-konvenuti rikonvenzjonanti in kontro-eżami waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2024[12];

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti, datata wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2025, a fol 365 *et seq* tal-proċess;

---

[6] It-traskrizzjoni tinsab a fol 275 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tinsab a fol 283 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tinsab a fol 290 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tinsab a fol 302 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tinsab a fol 312 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tinsab a fol 342 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tinsab a fol 353 *et seq* tal-proċess

35. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonata datata tlieta (3) ta' Marzu 2025, a fol 383 *et seq* tal-proċess;

36. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza rigward it-talba rikonvenzjonali;

37. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***<u>Il-Fatti tal-Każ Odjern</u>***

38. Il-partijiet huma aħwa. Permezz tal-kawża prinċipali, ir-rikorrenti Josephine sive Joyce Parnis talbet lil din il-Qorti tordna d-diviżjoni jew bejgħ b'liċitazzjoni ta' tliet proprjetajiet miżmuma in komun minnha mal-konvenuti. Parti minn sehem ir-rikorrenti fl-istess proprjetajiet idderiva permezz ta' dispożizzjoni testamentarja mingħand zitha Carmen Tonna, bis-saħħa ta' testment datat tlettax (13) ta' Marzu 2008, pubblikat in atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, fejn l-istess Parnis ġiet nominata werrieta universali u patruna assoluta tal-ġid kollu ta' Carmen Tonna[13]. Madanakollu, b'eċċezzjoni sollevata għal dawn it-talbiet, il-konvenuti allegaw illi t-testment tat-tlettax (13) ta' Marzu 2008 għandu jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi stante l-inkapaċita tat-testatriċi, illi, qabel il-ħamsa (5) ta' Jannar 2008, sofriet minn *fresh infract in the left periventricular region*, b'sinjali ta' *internal hydrocephalous*;

39. In sostenn tal-eċċezzjoni minnhom sollevata, il-konvenuti rikonvenzjonanti ressqu wkoll talba rikonvenzjonali, illi tifforma l-mertu ta' din is-sentenza, illi permezz tagħha talbu wkoll dikjarazzjoni tal-inkapaċita' ta' Carmen Tonna sabiex tagħmel it-testment pubblikat nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, kif ukoll dikjarazzjoni illi l-istess

[13] **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 9 *et seq* tal-proċess

testment huwa null u bla effett, ai termini tal-Artikolu 597 tal-Liġijiet ta' Malta;

40. Jirriżulta mill-file mediku ta' Carmen Tonna, esebit bħala **Dok DVC1** a fol 92 *et seq* tal-proċess illi Carmen Tonna ġiet rikoverata l-isptar Mater Dei nhar it-tnejn (2) ta' Jannar 2008[14] u damet hemm rikoverata sat-tmienja (8) ta' Jannar 2008, filwaqt illi nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 2008 ġiet rikoverata l-isptar Karen Grech għal riabilitazzjoni, fejn damet rikoverata sal-għoxrin (20) ta' Frar 2008[15]. Eventwalment mietet fl-2017;

41. Mhux kontestat illi Michael Bezzina għamel żmien jirrisjedi maz-zija tiegħu Carmen Tonna u ħuha Anthony Tonna, xebba u ġuvni, f'razzett l-Imqabba, u kien jieħu ħsieb ukoll il-bhejjem f'dan l-istess razzett[16]. Lanqas huwa kontestat illi, matul dan il-perjodu, cioe fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2007, Carmen Tonna għamlet testment, illi permezz tiegħu emendat testment li kienet għamlet fit-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, u ħalliet b'legat lil Michael Bezzina r-razzett numru ħamsa (5), Triq is-Siġġiewi, Mqabba, u b'legat lil Nicholas Bezzina s-somma ta' ħames mitt Liri Maltin (LM500)[17]. <u>It-testment tal-2006 ma ġiex esebit in atti</u>, iżda Josephine Parnis tgħid illi hija kienet ġiet nominata eredi universali f'dan it-testment, fatt illi lanqas ġie kontestat[18]. Ġie osservat, iżda, illi Josephine Parnis issostni illi Michael Bezzina kien ġiegħel lil Carmen Tonna tħallilu r-razzett b'legat fit-testment tal-2007[19], filwaqt illi Michael Bezzina jgħid illi minkejja illi kien hu illi wassal lil Carmen Tonna għand in-Nutar, hu ma kienx jaf għalfejn wassalha, u kien sorpriż meta eventwalment qaltlu illi kienet ser tħallilu r-razzett b'ringrazzjament ta' kemm huwa kien għamel magħha u ma' ħuha;

42. Mhux kontestat illi minn meta daħlet l-isptar f'Jannar 2008 'il quddiem, lil Carmen Tonna kienet tieħu ħsiebha r-rikorrenti rikonvenzjonata, u infatti

[14] A fol 105 tal-proċess
[15] A fol 184 tal-proċess
[16] Para 7 tal-affidavit ta' Michael Bezzina, a fol 87 tal-proċess u xhieda ta' Josephine Parnis a fol 318 tal-proċess
[17] **Dok ED1** a fol 49 *et seq* tal-proċess
[18] A fol 331 tal-proċess
[19] A fol 330 tal-proċess

hekk kif telqet mill-isptar Karen Grech, Carmen Tonna bdiet tirrisjedi magħha[20] u kienet kważi dipendenti għal kollox fuq ir-rikorrenti rikonvenzjonata stante illi l-istroke affettwatilha l-parti tal-lemin ta' ġisimha. Madanakollu, filwaqt illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ssostni illi l-bieb tagħha dejjem kien miftuħ għal kull min ried imur iżur lil zitha[21], l-intimati rikonvenzjonanti jgħidu illi oħthom ma kinitx tgħidilhom biex jidħlu jaraw liz-zija (Michael Bezzina: *"Qatt ma qlatli idħol araha"*)[22]. Ciononostante, jidher illi mhux kontestat illi Josephine Parnis ġie li stiednet lil Michael Bezzina għal barbecues id-dar tagħha fis-sajf, u għalkemm kien jattendi, *"mhux mid-dar konna nidħlu. Dan konna nidħlu minn ġol-bieb tar-remissa ngħidulu għal ġol-ġardina, u l-bieb kien ikun magħluq"*[23]. Ir-rikorrenti rikonvenzjonata tallega illi eventwalment seħħ episodju fejn hija kienet marret tiġbor xi ħwejjeġ ta' Carmen Tonna mir-razzett, iżda Michael Bezzina ħebb għaliha b'seratizz ħdejn ir-residenza tagħha fuq barra[24]. Minkejja dan, issostni Parnis, u minkejja illi kienet *"imdarrsa minnu"*, Michael Bezzina *"Kien jista' jiġi x'ħin irid"*[25]. Michael Bezzina jinnega illi dan l-episodju verament seħħ, u jgħid li r-rikorrenti rikonvenzjonata *"tivvinta qiegħda"*[26].

***<u>It-Talba Rikonvenzjonali</u>***

43. Fit-talbiet tagħhom, il-konvenuti rikonvenzjonanti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

   a. Tiddikjara illi Carmela Tonna ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Marzu 2008; u

[20] Vide l-affidavit ta' Josephine Parnis, **Dok JP1** a fol 268 tal-proċess, u xhieda ta' Michael Bezzina in kontro-eżami a fol 296 tal-proċess
[21] A fol 324 tal-proċess
[22] A fol 297 tal-proċess
[23] A fol 298 tal-proċess
[24] A fol 269 tal-proċess
[25] A fol 337 tal-proċess
[26] A fol 297 tal-proċess

b. Tiddikjara illi t-testment huwa null u bla effett ġuridiku stante illi Carmela Tonna kienet marida b'moħħha meta għamlitu, u/jew tant kienet ta' moħħ u ta' volonta' debboli li kienet strument f'idejn ħaddieħor, b'dana illi t-testment mhux validu skond l-Artikolu 597 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

44. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti rikonvenzjonanti mbagħad jagħmlu referenza għall-Artikolu 597(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

*597.Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:*

*[…]*

*(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;*

45. Fit-talba rikonvenzjonali jidher illi l-konvenuti rikonvenzjonanti jressqu t-talba għan-nullita' tat-testment a bażi tal-allegazzjoni t'inkapaċita' mentali assoluta, u, b'mod sussidjarju a bażi t'allegazzjoni illi t-testatriċi allegatament tant kienet ta' volonta' debboli illi kienet "strument" f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata. Ir-rikorrenti rikonvenzjonata tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi dawn iż-żewġ kawżali huma kontradittorji, għaliex ma jistax ikun li t-testatriċi kienet inkapaċi sabiex jagħti l-kunsens, filwaqt illi kienet kapaċi iżda ġiet ingannata. Madanakollu, filwaqt illi fuq prinċipju legali r-rikorrenti rikonvenzjonata għandha raġun, din il-Qorti mhix tal-fehma illi t-tieni raġuni illi a bażi tagħha qed tintalab in-nullita' tat-testment hija l-ingann tat-testatriċi mir-rikorrenti rikonvenzjonata. Infatti, dwar sitwazzjoni simili ngħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mary Grech et vs Maria Borg***[27]:

---

[27] Appell Ċivili Nru 1238/2012/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Marzu 2014

*L-ewwel talba, ghalkemm bazata fuq zewg premessi, tista' ssegwi bhala talba peress li fiha l-atturi qed jitolbu l-istess haga, in-nullita` tat-testment, a bazi ta' gradi differenti tal-infermita mentali tad-decujus. Huma qed jallegaw illi t-testatur jew kien affett minn infermita mentali totali jew kien tant ta' volonta` debboli li kien "strument" f'idejn il-konvenuta. Persuna li hi biss "strument" f'idejn persuna ohra jonqos fiha l-volonta` necessarja biex taghti l-kunsens taghha ghal att impunjat.*

46. Ġie osservat ukoll fis-sentenza ċitata mill-konvenuti rikonvenzjonanti stess fl-ismijiet ***Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et***[28]:

*15. L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hi bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita` filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (libertas testandi) iżda kienet kondizzjonata. Hija pero` għaddiet biex tikkonsidrahom it-tnejn, u l-kumment tagħha, kif tajjeb osservaw l-istess atturi appellanti, ma kellu l-ebda piż fuq l-eżitu tal-kawża.*

*16. Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali assoluta) fil-mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu, li l-ewwel Qorti, minkejja li*

[28] Rik Nru 1118/05, Qorti tal-Appell (Superjuri), 2 ta' Marzu 2018

> *kkummentat li l-kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin.*

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) m'inoltratx ruħha f'din il-materja, stante illi l-kwestjoni ma kinitx tifforma mertu tal-appell; iżda jidher illi kienet qed taqbel ma' dak sostnut mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

47. Din il-Qorti tqis għalhekk illi ż-żewġ premessi illi fuqhom hija bbażata t-talba rikonvenzjonali jistgħu jissussistu b'mod alternattiv għal xulxin, u huma kompatibbli in kwantu jallegaw żewġ forom ta' inkapaċitajiet.

**(a) *<u>Inkapaċita' Mentali Assoluta</u>***

48. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ngħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rosina Cassar et vs Philip sive Pinu Azzopardi***[29], b'referenza għal dak sostnut mill-Imħallef M Caruana Curran f'każijiet ta' din ix-xorta:

> *"Ċertament għandha taħrab kwalunkwe prekonċett, sia li min hu xiħ mhux kapaċi, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt għandu jkun hemm xi prekonċett, jekk dana huwa l-vokabolu korrett, dan huwa biss il-preżunzjoni tal-kapaċità, salva l-prova kuntrarja li però għandha tkun, kif fuq intqal, rigoruża ( ara Angelo Abela et vs George Abela et deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru 2023 u Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et, deciza fl-24 ta' April 1950, Vol XXXIV.I.108)."*

49. Ingħad ukoll fl-istess sentenza illi:

[29] Rik Nru 55/2011/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 21 ta' Jannar 2025

*[F]'dawn it-tip ta' kawżi il-Qorti addottat ċertu regoli ta' kif għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-allegat nullità tat-testment; dan hu xieraq, għaliex fl-aħħar mill-aħħar dak li qed jiġi mitlub mill-Qorti huwa li tmur kontra l-aħħar xewqat tad-deċedut. Hawn issir referenza għal dak li saħqet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***Peter Ellul et v. Angela Ellul et*** *nhar it-23 ta' Frar 2022, hekk kif abbraċċjat ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza ta' nhar il-21 ta' Novembru 2024 fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri et vs John Camilleri*** *fejn ġie meqjus li:*

*«i. Il-preżunzjoni "iuris tantum" hija li t-testatur kellu l-kapaċità li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċità trid tiġi pruvata b'mod xieraq;*

*ii. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fi ż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;*

*iii. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;*

*iv. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;*

*v. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att.»*

*50. Dawn huwa l-elementi li għandha timxi fuqhom din il-Qorti […].*

50. Dan isegwi dak illi kien ġie spjegat, f'aktar dettall, *inter alia*, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia et***[30]:

> *Ir-rekwizit tal-kapacita' mentali biex wiehed jiddisponi b' testment, ma jirrikjedix "una mente prefettament e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cioe' che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …".*
>
> *"Huma nkapaci li jaghmlu testment dawk illi, fi zmien it-testment ma jkunux f' sensihom [of sound mind]; u ghalhekk min ikun qieghed jimpunja t-testment ikollu bzonn li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci"*
>
> *[…] "La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propriea".*
>
> *"Biex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizzji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet …….. i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibilie quegli esperimenti medico legali.."*

[30] Ċit Nru 1523/1997/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ N Cuschieri, 5 t'Ottubru 2004 (in ġudikat)

51. **Dr Victor Camilleri**, u cioe t-tabib tal-familja illi kien jikkura lil Carmen Tonna, irrilaxxa ċertifikat mediku illi fih iddikjara illi kien sab lit-testatriċi *"fully conscious and mentally-fit to draw out a will"*[31]. Dan iċ-ċertifikat ġie anness mat-testment ta' Marzu 2008 li qed jiġi impunjat. Mistoqsi dwar l-istat illi kienet fih mentalment it-testatriċi, Dr Camilleri jgħid illi, *"Mort niċċekkja, iċċekkjajtha mentalment, għax dan tatha stroke ma jfissirx illi ċ-ċentru tal-cognitive ability of the patient ikun affettwat, li affetwatilha kienet mingħalija l-lemin, tan-naħa tal-lemin tal-ġisem kien."* Jgħid ukoll illi għamlilha *mental test*, *"Fejn inti tistaqsieha ċerti mistoqsijiet, u hi tirrispondi, u irrispondiet kollox tajjeb."* Jikkonferma illi t-testatriċi *"qatt ma kellha problemi ta' stat mentali"*, u mistoqsi jikkonferma illi l-kapaċita mentali ma ġietx affettwata bl-istroke ta' Jannar 2008, jgħid illi, *"eżaminajtha kemm-il darba wara li tatha l-istroke, u rrispondiet il-mistoqsijiet kollha u voldieri ma kien hemm l-ebda problemi li hi tikkomunika miegħi lanqas."*[32]

52. Skont il-file mediku tagħha, meta ġiet rikoverata fl-isptar Karen Grech, skont assessjar tad-disgħa (9) ta' Jannar 2008, Carmen Tonna kellha Speech Problems u Communication Problems, iżda ma kellhiex Cognitive Problems[33]. Skont assessjar ieħor li sar nhar il-ħdax (11) ta' Jannar 2008, għal *Comprehension*, *Expression* u *Speech* ġie assessjata bħala li hija *Independent*, iżda tniżżlet nota illi, *"Tends to repeat phrases."*[34]

53. Skont ċertifikat rilaxxat mill-Prof Kevin Cassar nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar 2008, il-Professur iddikjara, *"I note her history of right upper limb weakness and slurring of speech and the CT findings of brain atropy."*[35] Mistoqsi dwar dan iċ-ċertifikat, il-Prof Cassar jgħid illi, *"kulħadd ta' ċerta eta' jkollu element ta' brain atrophy, jiġifieri normalment il-fatt illi jkollok brain atrophy ma jfissirx partikolarment illi għandek xi you know, necessarjament xi tibdil fil-konjizzjoni tiegħek"*[36], iżda mill-bqija ma kienx f'pożizzjoni illi jagħti aktar

[31] **Dok JD2** a fol 280 tal-proċess
[32] A fol 71 *et seq* tal-proċess
[33] A fol 125 tal-proċess
[34] A fol 143 tal-proċess
[35] A fol 185 tal-proċess
[36] A fol 249 tal-proċess

informazzjoni dwar it-testatriċi *per se*, stante illi huwa kien ġie inkarigat jagħmel biss xi testijiet iżda ma kienx jikkura lil Carmen Tonna;

54. **Nicholas Bezzina** jgħid fl-affidavit tiegħu illi meta mar jara lil Carmen Tonna l-isptar Karen Grech, zitu m'għarfitux u ma kinitx tikkomunika miegħu, u fil-fatt ma kellmitux. **Michael Bezzina** wkoll jgħid illi zitu ma setgħetx tikkomunika magħhom la bil-kliem u lanqas bil-ġesti, u li meta kienu jmorru jarawha l-isptar la kienet tagħrafhom u lanqas kienet tikkomunika magħhom;

55. Mill-banda l-oħra, **Josephine Parnis** tgħid illi Carmen Tonna kienet titkellem, u *"Mentalment kienet kapaċi"*[37];

56. Meta qieset il-provi mediċi illi tressqu fil-kawża odjerna, din il-Qorti ssibha diffiċli mmens temmen il-verżjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti illi t-testatriċi ma kellhiex l-użu tar-raġuni jew ma kinitx f'sensiha meta għamlet it-testment. Minkejja illi huwa minnu illi n-Nutar Joseph Debono, jgħid illi kien jippreferi li kieku ċ-ċertifikat mediku kien wieħed maħruġ minn psikjatra, hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Rosina Cassar et vs Philip sive Pinu Azzopardi*** suċitata:

> *[G]ħalkemm huwa minnu li dan ma ġiex maħruġ mingħand psikjatra u li l-kliem użat kien ivarja minn dak utilizzat fis-sena ta' qabel, ma jfissirx li dan iċ-ċertifikat ma kienx validu. Tassew il-liġi nostrana ma tirrikjedix li testment ikollu anness miegħu ċertifikat mediku, u għalhekk aktar u aktar ma tqisx li għandu jiġi dikjarat null testment għaliex iċ-ċertifikat ma ħax forma fuq oħra.*

Dan aktar u aktar meta, mistoqsi jekk kellux xi dubji dwar il-kapaċitajiet tat-testatriċi, in-**Nutar Joseph Debono** jgħid, *"Le, kieku kelli dubju ma kontx nagħmlu t-testment hu."*[38]

[37] A fol 318 tal-proċess
[38] A fol 277 tal-proċess

57. Din il-Qorti għalhekk tqis illi ma ġiex pruvat illi t-testatriċi kellha inkapaċita mentali assoluta dakinhar illi fih għamlet it-testment tat-13 ta' Marzu 2008.

**(b) *Indeboliment mentali li seta' rrenda lit-testatriċi 'strument' f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata***

58. Huwa fatt mhux kontestat illi t-testatriċi ġiet sfortunatament *bedridden* wara li taha l-istroke f'Jannar 2008, u kienet ir-rikorrenti rikonvenzjonata illi kienet tmexxiha b'*wheelchair*, tgħinha tqum mis-sodda, tilbes, taħsilha u ssajrilha, b'dana illi t-testatriċi kienet dipendenti mir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex tagħmel xi forma ta' moviment fiżiku peress illi l-istroke kienet affettwatilha n-naħa tal-lemin ta' ġisimha. Madanakollu, hekk kif ġia ġie osservat aktar 'il fuq, din il-Qorti hija konvinta illi l-istroke ma kinitx affettwat lit-testatriċi mentalment;

59. Din il-Qorti rat illi l-intimati rikonvenzjonanti qed jallegaw illi l-fatt illi kienet dipendenti fuq ir-rikorrenti rikonvenzjonata rrenda lit-testatriċi "strument" f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata. Il-Qorti, iżda, ma taqbilx, u dan għas-segwenti raġunijiet:

60. Fl-ewwel lok, l-intimati rikonvenzjonanti jgħidu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi l-fatt illi t-testatriċi kienet dipendenti fuq ir-rikorrenti rikonvenzjonata prattikament f'kull aspett ta' ħajjitha, allura kellha titqies inkapaċi sabiex tagħmel testment; madanakollu, hekk kif ġia ġie spjegat aktar 'il fuq, ġie ampjament pruvat illi dan assolutament ma kienx il-każ fil-każ tat-testatriċi, illi jidher illi kienet xorta waħda kapaċi tikkomunika x-xewqat tagħha u tifhem l-effetti ta' dak illi kienet qiegħda tagħmel;

61. Fit-tieni lok, l-intimati rikonvenzjonanti jgħidu illi l-fatt illi kienet ir-rikorrenti rikonvenzjonata illi ċemplet lin-Nutar iwassal għall-probabilita' loġika illi kienet l-istess Parnis li ddettat id-disposizzjonijiet tal-wirt; madanakollu, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza ċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, sabiex tirnexxi azzjoni bħal dik odjerna, allegazzjoni ma tistax tkun

ibbażata fuq sempliċi konġetturi jew possibilitajiet. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi n-Nutar stess xehed, hekk kif ġia senjalat aktar 'il fuq, illi huwa ma kellu l-ebda dubju illi t-testatriċi kienet taf x'kienet qed tagħmel. Ir-rikorrenti rikonvenzjonata tispjega illi kienet hi li ċemplet lin-Nutar fuq struzzjonijiet tat-testatriċi stante illi t-testatriċi ma setgħetx, fiżikament, iċċempel lin-Nutar hi[39]. Tgħid ukoll illi meta n-Nutar mar id-dar tagħha, kienet it-testatriċi biss li kellmitu, u r-rikorrenti rikonvenzjonata baqgħet barra mill-kamra[40]. **Pauline Vassallo**, li kienet xhud tat-testment, tikkonferma illi n-Nutar qara t-testment u Carmen Tonna ffirmatu[41], u n-**Nutar Joseph Debono** jgħid illi, *"Naf li kienet fis-sodda, kien hemm żewġ xhieda, immarkat bis-salib hi l-kunsens tagħha."*[42] Dawn huma kollha elementi illi jimmilitaw, fil-fehma tal-Qorti, favur dak sostnut mir-rikorrenti rikonvenzjonata, u cioe illi d-disposizzjonijiet tat-testment jirriflettu l-volonta' vera tat-testatriċi;

62. Fit-tielet lok, filwaqt illi ma jikkontestawx il-fatt illi fit-testment tal-2006 kienet ir-rikorrenti rikonvenzjonata illi kienet ġiet nominata eredi universali ta' zithom, l-intimati rikonvenzjonanti jallegaw illi l-fatt illi Carmen Tonna biddlet it-testment sabiex ħassret il-legati illi minnhom kellhom jibbenefikaw huma, juri illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ppretendiet li Carmen Tonna kellha tħallilha kollox, u għalhekk għamlet pressjoni fuq Tonna sabiex tagħmel it-testment li qed jiġi impunjat[43]. Madanakollu, din il-Qorti temmen illi l-fatt illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet l-unika waħda illi kellha tibbenefika mit-testment ta' Carmen Tonna tal-2006 aktar u aktar jimmilita favur it-teżi tar-rikorrenti rikonvenzjonata, stante illi jindika illi l-volonta' tat-testatriċi minn dejjem kienet illi kienet biss ir-rikorrenti rikonvenzjonata illi kellha tibbenefika wara mewtha. Bit-testment tal-2007, ir-rikorrenti rikonvenzjonata xorta waħda kienet ser tibbenefika wara l-mewt ta' Carmen Tonna bħala l-eredi universali, b'dana għalhekk illi din il-Qorti ma tqisx illi d-disposizzjonijiet tat-testment tal-2008 kienu b'xi mod

[39] A fol 331 tal-proċess
[40] A fol 331-332 tal-proċess
[41] **Dok PV1** a fol 271 tal-proċess
[42] A fol 277 tal-proċess
[43] A fol 372-373 tal-proċess

irraġonevoli, jew illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kellha xi motivazzjoni straordinarja sabiex tassigura ruħha illi Carmen Tonna tibdel għal darb'oħra t-testment tagħha;

63. Fir-raba' lok, minkejja illi l-intimati rikonvenzjonanti jsostnu illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet timpedihom milli jżuru lil zithom, il-kliem preċiż illi juża **Michael Bezzina** huwa *"qatt ma qaltli ejja araha"*[44]. Ibnu **Conrad Bezzina** jgħid illi lil Carmen Tonna żarha darba minn meta marret toqgħod għand ir-rikorrenti rikonvenzjonata[45] u illi kien jara lir-rikorrenti rikonvenzjonata għaddejha fit-triq b'Carmen Tonna f'*wheelchair*[46]. Minn dawn il-provi, il-Qorti tagħmel tliet osservazzjonijiet: (a) l-ewwelnett, filwaqt illi Michael Bezzina jgħid illi r-rikorrenti rikonvenzjonata qatt ma stednitu sabiex jidħol jara liz-zija, huwa ma jsemmi xejn dwar jekk talabx hu stess minn jeddu illi jidħol jaraha; (b) it-tieni nett, dan il-fatt, kuntrastat ma' dak sostnut minn Conrad Bezzina illi effettivament huwa żar liz-zija meta kienet toqgħod mar-rikorrenti rikonvenzjonata, jagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi huwa minnu illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma kinitx sejra żżomm lill-konvenuti rikonvenzjonanti milli jżuru lil zithom li kieku talbuha sabiex jagħmlu dan; u (c) it-tielet nett, għalkemm l-abbli difensur tal-intimati rikonvenzjonanti, fil-kontro-eżami tar-rikorrenti rikonvenzjonata, presumibbilment fuq dak illi qalulu l-intimati rikonvenzjonanti, jallega illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet toħroġ lil zitha fuq il-bankina fil-*wheelchair* u tħalliha hemm, ix-xhieda ta' Conrad Bezzina tikkorrabora dak sostnut mir-rikorrenti rikonvenzjonata illi hija kienet toħroġ lil zitha dawra jew passiġġata fil-*wheelchair*, u cioe kienet tieħu ħsiebha sew. Dawn huma kollha elementi illi ma tantx jirrendu lil Michael Bezzina bħala xhud kredibbli, b'dana illi din il-Qorti aktar hija inklinata illi temmen il-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti rikonvenzjonata, u cioe illi l-intimati rikonvenzjonanti setgħu jżuru lil zithom meta u x'ħin riedu. Il-fatt illi dan m'għamluhx m'għandux jimmilita kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, u lanqas għandu

[44] A fol 296-297 tal-proċess
[45] A fol 307 tal-proċess
[46] A fol 308 tal-proċess

jagħtihom konfort in kwantu jsostnu illi t-testatriċi kienet 'strument' f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata;

64. Fil-ħames lok, l-intimati rikonvenzjonanti jallegaw illi l-fatt illi ċ-ċertifikat anness mat-testment ta' Marzu 2008 ġie rilaxxat mit-tabib tal-familja illi kienet tinqeda bih ir-rikorrenti rikonvenzjonata kien ukoll wieħed mill-elementi wżati mir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex wittiet it-triq biex id-defunta tibdel it-testment tagħha favoriha. Rigward iċ-ċertifikat din il-Qorti diġa' għamlet l-osservazzjonijiet tagħha aktar 'il fuq, u għal kull buon fini tapplikahom ukoll f'dan ir-rigward u ma tqis illi għandha xejn aktar x'iżżid;

65. Għaldaqstant, meqjus il-premess, din il-Qorti ma ssibx illi ġie sodisfaċentement pruvat, fil-grad ta' prova rikjest f'azzjonijiet ta' din ix-xorta, illi t-testatriċi, minkejja illi kienet f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna fiżikament, kienet 'strument' f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata, iżda l-Qorti hija konvinta illi t-testatriċi kienet kapaċi tagħmel it-testment tagħha, u kienet taf eżattament x'inhi tagħmel fil-mument illi fih sar it-testment. Din il-Qorti lanqas tista' tinjora l-fatt illi l-intimati rikonvenzjonanti attentaw jimpunjaw it-testment tagħha b'talba rikonvenzjonali mressqa ħames snin sħaħ wara li ġiet nieqsa t-testatriċi. Li kieku verament l-intimati rikonvenzjonanti kellhom xi dubju dwar il-validita' tat-testment, din il-Qorti kienet tippretendi illi jgħaddu mill-ewwel huma stess minn jeddhom sabiex iressqu azzjoni għall-istess, fi żmien raġjonevoli wara l-mewt tat-testatriċi, aktar u aktar meta huwa Michael Bezzina stess illi jgħid illi huwa kien jaf li Carmen Tonna kienet ħallietlu r-razzett b'legat fit-testment tal-2007, b'dana għalhekk illi, *se mai*, kellu interess hu stess sabiex jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat illi huwa kien mingħalih illi tħalla lilu jekk verament ma kienx jaf bit-testment tal-2008;

66. Gialadarba, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti la jirriżulta illi t-testatriċi kellha inkapaċita' mentali assoluta, u lanqas jirriżulta illi kienet ta' moħħ u volonta' tant debboli li kienet strument f'idejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata, din il-Qorti ma tarax illi hemm raġuni għalfejn jiġi dikjarat null it-testment ta' Carmen Tonna pubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Debono nhar it-tlettax

(13) ta’ Marzu 2008. Konsegwentement, din il-Qorti tista’ għalhekk tgħaddi sabiex tindirizza t-talbiet prinċipali tar-rikorrenti għad-diviżjoni jew bejgħ b’liċitazzjoni tal-proprjeta’ miżmuma in komuni bejn il-partijiet.

**Decide**

67. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali kollha magħmula mill-konvenuti rikonvenzjonanti;

ii. **Tordna l-prosegwiment tal-kawża** fir-rigward tat-talbiet prinċipali mressqa mir-rikorrenti permezz tar-rikors promotur.

**Bl-ispejjeż tal-kontro-talba a karigu tal-intimati rikonvenzjonanti**.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**